# Heritage Malta tieħu sehem fil-Jiem tal-Patrimonju Ewropew b'weekend mimli attivitajiet

Heritage Malta

**Stqarrija | 28 ta' Settembru 2022**

Heritage Malta se tieħu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena tal-Jiem tal-Patrimonju Ewropew permezz ta' tliet attivitajiet intriganti. Il-Jiem tal-Patrimonju Ewropew huma opportunità biex jiġi ċċelebrat il-wirt kulturali varjat li joffru l-bliet, ir-reġjuni u l-popli tal-Ewropa, u din is-sena qed jiġu organizzati bit-tema *Patrimonju Sostenibbli*.

L-ewwel attività ta' Heritage Malta se ssir il-Ġimgħa 7 ta' Ottubru. Jonathan Borg, Kap tat-Taqsima għall-Konsultazzjoni dwar l-Ippjanar tal-Patrimonju u l-Monitoraġġ tar-Restawr fi ħdan is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, se jagħmel taħdita pubblika fejn se jiffoka fuq il-mużew tad-Domvs Romana, kif twaqqaf, u l-isforzi ta' Antonio Annetto Caruana biex l-artefatti jiġu ppreservati fl-aħħar deċennji tas-seklu 19. It-taħdita se ssir fil-Katakombi ta' San Pawl u d-dħul għaliha hu bla ħlas. Il-biljetti jinkisbu mis-siti u l-mużewijiet kollha ta' Heritage Malta jew online minn www.heritagemalta.org/store.

Is-Sibt 8 ta' Ottubru se jsiru tliet tours kuratorjali fil-Mużew tal-Arkeoloġija ta' Għawdex. Bit-titlu *Inħallu l-Oġġetti Jitkellmu: Niskopru lil Għawdex u lill-abitanti tiegħu fi żmien il-Kartaġiniżi u r-Rumani,* it-tours jibdew fl-10:00am (bil-Malti), f'12:00pm (bl-Ingliż) u fit-3:00pm (bil-Malti). Dawk li jixtiequ jattendu jridu jixtru biljett minn qabel. Il-biljetti, bil-prezz normali tad-dħul fil-mużew, jinxtraw mis-siti u l-mużewijiet kollha ta' Heritage Malta jew online minn www.heritagemalta.org/store.

Fit-8 ta' Ottubru wkoll, Heritage Malta se tiftaħ is-sit arkeoloġiku ta' San Pawl Milqi, li normalment jinżamm magħluq għall-pubbliku. Bejn l-10:00am u t-3:00pm, sew l-adulti kif ukoll it-tfal se jkollhom l-opportunità li jaraw mill-qrib lill-arkeologi fuq il-lant tax-xogħol u, jekk jixtiequ, jagħtuhom daqqa t'id. Imbagħad, mit-3:00 sal-4:30pm, se jkun hemm attività oħra bl-isem *Cibvs: Esperjenza ta' Ikel Ruman*. F'din l-attività, li għaliha jridu jinxtraw il-biljetti minn qabel, kuratur se jagħti taħdita dwar l-ikel li kienu jieklu r-Rumani u wara dawk preżenti jkunu jistgħu jduqu ikel tipiku ta' żmien ir-Rumani.

Il-biljetti għad-dħul ġenerali f'San Pawl Milqi jiswew €3 għall-adulti, l-anzjani u l-istudenti, u jinxtraw biss mill-bieb. Tfal sal-età ta' 11-il sena kif ukoll membri ta' Heritage Malta jidħlu b'xejn. Il-biljetti għall-esperjenza ta' ikel Ruman jiswew €25 u jinxtraw mis-siti u l-mużewijiet kollha ta' Heritage Malta jew online minn www.heritagemalta.org/store.

Fis-sit ta' San Pawl Milqi jitrabbew in-naħal. Għaldaqstant dawk li se jattendu għandhom jaraw li ma jużawx fwejjaħ, prodotti tal-ħasil b'riħa qawwija jew ammont eċċessiv ta' krema kontra x-xemx. Għandhom jaraw ukoll li ma jersqux lejn in-naħal.

Fl-istess weekend, fl-okkażjoni tal-Birgufest, il-Palazz tal-Inkwiżitur u l-Forti Sant'Anġlu se joffru ħinijiet estiżi s-Sibt 8 ta' Ottubru u se jkun hemm biljett li jiswa biss €3 u li bih wieħed ikun jista' jidħol fiż-żewġ siti s-Sibt u l-Ħadd. Fil-Palazz tal-Inkwiżitur bħalissa hemm l-attrazzjoni addizzjonali tal-wirja *Dumnikani fil-Palazz*, filwaqt li fil-Forti Sant'Anġlu se tkun qed issir l-attività *Dark Tales* fis-7 ta' Ottubru u se jkun hemm ukoll Fjakkolata spettakolari l-għada, it-8 ta' Ottubru. Aktar tagħrif dwar l-attivitajiet ta' Heritage Malta matul il-Birgufest jinkiseb minn www.heritagemalta.org/whats-on.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta